MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 414/2009

**Jamesco Trading Company Lmited C-17196**

**Vs**

**The Golden Shepherd Group Limited C-14948**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' €7,674.41 (sebat'elef sitt mija erbgha u sebghin Euro wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' oggetti lis-socjeta' konvenuta mibjugha u lilha kkonsenjati mis-socjeta' attrici u wkoll apparat mediku mikri mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta minkejja li nterpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat mal-avviz u tal-ittra ufficjali numerata 5430.09, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 10, fol 14 u r-riferta a fol 15 fuq wara.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-3 ta' Marzu 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €7674.41 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali numru 5430/09 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru tal-24 ta’ Ottubru 2009 u tal-ittra ufficjali numru 5430/09.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------